# Il-Ħadd 13.10.2019

1. Illum 13/10 **niċċelebraw l-Anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja: 235 sena** *(nhar l-10 ta' Ottubru 1784 mill-Isqof Vincenzo Labini)*:
   - Fid-9:00am - Quddiesa li fiha jiġu nċensati s-slaleb tal-konsagrazzjoni.
   - Fl-10:30am - Quddiesa biċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Magħmudija.
   - Matul dan il-weekend ser jinbiegħu biljetti b'risq Lotterija li ser tittella' aktar 'il quddiem, bil-għan li niġbru aktar fondi għall-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr, b'mod speċjali għat-tiswija tal-lanterna tal-koppla tal-knisja. Napprezzaw il-koperazzjoni tagħkom.

2. It-Tlieta 15/10:-
   - Fid-9:30am imiss il-Laqgħa tal-Kelma tal-Ħajja għand is-Sorijiet Dumnikani. Kulħadd mistieden.

3. Il-Ħamis 17/10:-
   - Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kappillan mal-Ġenituri tat-tfal li ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof, fil-Museum tas-Subien.

4. Il-Ġimgħa 18/10:-
   - F'ħin ieħor adatt, l-ACN (Aid to the Church in Need) qed tistieden lit-tfal kollha biex jingħaqdu flimkien ma' tfal minn madwar id-dinja kollha f'inizjattiva tat-talba tar-Rużarju għall-ftehim, l-għaqda, u l-paċi fid-dinja.

5. Il-Ħadd 20/10, **Jum il-Missjoni**:
   - Ser issir Lotterija u xi bejgħ ta' Pjanti fuq iz-zuntier tal-knisja, u l-offerta tal-quddies tmur għal dan l-iskop: li nipprovdu għajnuna finanzjarja lill-Missjunarji biex iwettqu l-ħidmiet tagħhom ta' karità.

6. Avviżi mill-Kunsill Lokali:-
   - Illum, mit-8:30am sas-1:00pm ser ikollna l-Mobile Blood Donation Unit fil-pjazza biex tagħtu d-demm. Dawk li bi ħsiebhom jagħmlu dan mitluba jieħdu magħhom il-karta tal-identità.
   - Fil-ġranet li ġejjin se jibdew ix-xogħolijiet fi Triq l-Iskola minn Infrastruttura Malta. Filwaqt li niskużaw ruħna ta' kull inkonvenjent, nitolbukom issegwu l-arranġamenti tal-immaniġjar tat-traffiku li se jkun qed jidħol fis-seħħ fil-jiem li ġejjin. Grazzi bil-quddiem.

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 350 bħala ġabra b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.
   - € 270 minn ħarġa li kellna din il-ġimgħa. Grazzi.